

## REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/2325

tas-16 ta' Diċembru 2021

**li jistabbilixxi, skont ir-Regolament (UE) 2018/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, il-lista ta' pajjiżi terzi u l-lista ta' awtoritajiet ta' kontroll u korpi ta' kontroll li ġew rikonoxxuti skont l-Artikolu 33(2) u (3) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 għall-fini tal-importazzjoni ta' prodotti organiċi fl-Unjoni**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2018/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar il-produzzjoni organika u t-tikkettar ta' prodotti organiċi u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 (¹), u b'mod partikolari l-Artikolu 48(3) u l-Artikolu 57(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Fkonformità mal-Artikolu 45(1), il-punt (b)(iii), tar-Regolament (UE) 2018/848, prodott jista' jiġi importat għall-fini tat-tqegħid ta' dak il-prodott fis-suq fl-Unjoni bħala prodott organiku jew bħala prodott fil-fażi ta' konverżjoni, jekk dak il-prodott jikkonforma mal-produzzjoni u mar-regoli ta' kontroll ekwivalenti ta' pajjiż terz rikonoxxut, u jiġi importat b'ċertifikat ta' spezzjoni li jikkonferma din il-konformità li tkun inħarġet mill-awtoritajiet kompetenti, mill-awtoritajiet ta' kontroll jew mill-korpi ta' kontroll ta' dak il-pajjiż terz. L-Artikolu 48(1) ta' dak ir-Regolament jiċċara li, f'dak il-kuntest, pajjiż terz rikonoxxut huwa pajjiż terz li ġie rikonoxxut għall-fini tal-ekwivalenza skont l-Artikolu 33(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 (²).
- (2) Dan ir-rikonoxximent jiskadi fil-31 ta' Diċembru 2026. Dawk il-pajjiżi terzi jkomplu jiġu rikonoxxuti sa dik id-data, sabiex tiġi żgurata tranżizzjoni bla xkiel għall-isķema ta' rikonoxximent skont ftehim kummerċjali skont l-Artikolu 47 tar-Regolament (UE) 2018/848, dment li jkomplu jiżguraw li r-regoli tagħhom dwar il-produzzjoni organika u l-kontroll ikunu ekwivalenti għar-regoli rilevanti fis-seħħ tal-Unjoni u li jikkonformaw mar-rekwiżi kollha relatati mas-superviżjoni tar-rikonoxximent tagħhom mill-Kummissjoni fkonformità mar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/1342 (³).
- (3) Il-lista ta' pajjiżi terzi rikonoxxuti stabilita minn dan ir-Regolament hija bbażata fuq il-lista kif ippubblikata fl-Anness III tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1235/2008 (⁴), bl-eċċeżżjoni taċ-Ċili, tal-İżvizzera u tar-Renju Unit, peress li l-kummerċ fi prodotti organiċi ma' dawn il-pajjiżi huwa kopert minn ftehimiet speċifiċi. Madankollu, fid-dawl ta' informazzjoni ġidida li rċeviet il-Kummissjoni minn ċerti pajjiżi terzi mill-aħħar emenda ta' dik il-lista, jenħtieġ li jitqiesu ċerti bidliet u li l-lista tiġi adattata kif xieraq.
- (4) Skont l-informazzjoni pprovduta mill-Arġentina, l-isem tal-korp ta' kontroll "Argencert" inbidel għal "Ecocert Arġentina SA".
- (5) Il-Costa Rica infurmat lill-Kummissjoni li l-awtorità kompetenti tagħha rtirat il-korpi ta' kontroll "Control Union Perú" u "Primus Labs.com CR S.A." mil-lista ta' korpi ta' kontroll rikonoxxuti mill-Costa Rica.

(¹) ĠU L 150, 14.6.2018, p. 1.

(²) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 tat-28 ta' Ġunju 2007 dwar il-produzzjoni organika u t-tikkettar ta' prodotti organiċi u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 2092/91 (ĠU L 189, 20.7.2007, p. 1).

(³) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/1342 tas-27 ta' Mejju 2021 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2018/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill b'regoli dwar l-informazzjoni li għandha tintbagħha mill-pajjiżi terzi u mill-awtoritajiet ta' kontroll u mill-korpi ta' kontroll għall-finijiet tas-superviżjoni tar-rikonoxximent tagħhom skont l-Artikolu 33(2) u (3) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 għall-prodotti organiċi importati u l-miżuri li għandhom jittieħdu fl-eżerċizzju ta' dik is-superviżjoni (ĠU L 292, 16.8.2021, p. 20).

(⁴) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1235/2008 tat-8 ta' Diċembru 2008 li jistabbilixxi r-regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 dwar l-arranġamenti għall-importazzjonijiet ta' prodotti organiċi minn pajjiżi terzi (ĠU L 334 12.12.2008, p. 25).

- (6) Fir-rigward tal-Indja, għadd kbir ta' kunsinni li jammontaw għal eluf ta' tunnellati ta' żerriegħha tal-ġunġlien allegatament organika, li kienet ikkонтaminata bl-ħossidu tal-etilen ("ETO"), ġew importati minn dak il-pajjiż terz, b'mod partikolari minn operaturi kkontrollati minn korpi ta' kontroll taħt superviżjoni mill-Indja, u li jirriżultaw f'madwar 90 notifikasi fis-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Biedja Organika (OFIS). Jidher li l-preżenza ta' ETO – li huwa karċinoġenu għall-bnedmin – instabett fi prodotti organiċi qabel l-2020. Matul dawn l-aħħar tliet deċennji ġew żviluppati diversi metodi affidabbli għall-analiżi tal-ETO u għalhekk kienu disponibbli sabiex jiġu identifikati kontaminazzjonijiet bħal dawn. Fir-rigward ta' dawk in-notifikasi tal-OFIS, il-livelli ta' kontaminazzjoni li nstabu fil-kunsinni ġeneralment qabżu bil-kbir il-livell massimu ta' residwi stabbiliti għall-ETO, u l-livelli eżatti ta' kontaminazzjoni varjaw skont il-kunsinna. Dan wassal biex il-konsumaturi jiġu mqarrqa kif ukoll wassal għal riskju sinifikanti għas-saħħa. L-okkorrenza tal-kontaminazzjoni tal-ETO u l-konċentrazzjonijiet għoljin misjuba, kif ukoll in-nuqqas ta' rispons dwar il-kawżi ewlenin tal-falliment tas-sistema ta' kontroll mill-korpi ta' kontroll involuti f'dawk il-kontaminazzjonijiet, li huma taħt is-superviżjoni tal-awtorità kompetenti Indjana, u l-miżuri korrettivi mhux xierqa meħuda minn dawk il-korpi ta' kontroll u mill-awtorità kompetenti, jipperikolaw ir-robustezza tal-kontrolli u tas-superviżjoni nnifisha. Barra minn hekk, abbażi tal-informazzjoni li rċeviet il-Kummissjoni, jidher li xi wħud mill-korpi ta' kontroll involuti f'dawk in-notifikasi tal-OFIS ma rrisspettawx il-kamp ta' applikazzjoni tar-rikonoxximent tal-Indja fir-rigward tal-prodotti li jistgħu jiġi importati fl-Unjoni. Għal dawk ir-raġunijiet kollha u f'konformità mal-Artikolu 3, il-punt (a), tar-Regolament Delegat (UE) 2021/1342, jenħtieġ li l-korpi ta' kontroll li ġejjin ma jidhrux fil-lista ta' korpi ta' kontroll rikonoxxuti mill-awtorità kompetenti Indjana: "CU Inspections India Pvt Ltd", "Ecocert India Pvt Ltd", "Indian Organic Certification Agency (Indocert)", "Lacon Quality Certifications Pvt Ltd" u "OneCert International Private Limited".
- (7) L-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 1235/2008 kif emendat bir-Regolament ta' Implantazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/2196 (⁽⁹⁾) attribwixxa b'mod żbaljat in-numru tal-kodiċi JP-BIO-038 lill-korp ta' kontroll "Japan Agricultural Standard Certification Alliance", filwaqt li dak in-numru tal-kodiċi kien digħi għie assenjat lill-korp ta' kontroll "Akatonbo" bir-Regolament ta' Implantazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/25 (⁽¹⁾). Għalhekk, jenħtieġ li "Japan Agricultural Standard Certification Alliance" jiġi assenjat kodiċi differenti.
- (8) Ir-Repubblika tal-Korea infurmat lill-Kummissjoni li l-awtorità kompetenti tagħha żiedet il-korp ta' kontroll "ORGANIC PROMOTION" mal-lista ta' korpi ta' kontroll rikonoxxuti minn dik l-awtorità kompetenti.
- (9) New Zealand infurmat lill-Kummissjoni li l-awtorità kompetenti tagħha biddlet isimha.
- (10) L-iskema tal-awtoritajiet ta' kontroll u tal-korpi ta' kontroll rikonoxxuta mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 33(3) tar-Regolament (KE) Nru 834/2007 biex jitwettqu l-kontrolli u biex jinħarġu ċertifikati f'pajjiżi terzi għall-fini tal-importazzjoni ta' prodotti, filwaqt li jiġi pprovduti garanziji ekwivalenti, qed titnejha gradwalment mir-Regolament (UE) 2018/848. Peress li dawk l-awtoritajiet ta' kontroll u l-korpi ta' kontroll jenħtieġ li jingħataw biżżejjed żmien sabiex ikunu jistgħu jħejju ruħhom biex jiksbu rikonoxximent għall-finijiet tal-importazzjoni ta' prodotti li jikkonformaw mar-regoli tal-Unjoni, ir-rikonoxximent tagħħom jiskadi fil-31 ta' Diċembru 2024, dment li jikkonformaw mar-rekwiżiti kollha relatati mas-superviżjoni tar-rikonoxximent tagħħom mill-Kummissjoni f'konformità mar-Regolament Delegat (UE) 2021/1342.
- (11) Il-lista ta' awtoritajiet ta' kontroll u korpi ta' kontroll rikonoxxuti, li hija stabbilita b'dan ir-Regolament hija bbażata fuq il-lista ppubblikata fl-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 1235/2008. Madankollu, fid-dawl ta' informazzjoni ġdida u talbiet ġodda għall-inklużjoni li rċeviet il-Kummissjoni mill-aħħar emenda ta' dik il-lista, jenħtieġ li jsiru ġerti bidliet fil-lista. F'konformità mal-Artikolu 11(1) tar-Regolament (KE) Nru 1235/2008, tqiesu biss it-talbiet kompluti li ġew sottomessi sat-30 ta' Ġunju 2021 skont ir-Regolament (KE) Nru 834/2007.

(⁽⁹⁾) Ir-Regolament ta' Implantazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/2196 tas-17 ta' Diċembru 2020 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1235/2008 li jistabbilixxi r-regoli dettaljati għall-implementazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 dwar l-arranġamenti għall-importazzjoni ta' prodotti organiċi minn pajjiżi terzi (ĠU L 434, 23.12.2020, p. 31).

(⁽¹⁾) Ir-Regolament ta' Implantazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/25 tat-13 ta' Jannar 2020 li jemenda u jikkoreġi r-Regolament (KE) Nru 1235/2008 li jistabbilixxi r-regoli dettaljati għall-implementazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 dwar l-arranġamenti għall-importazzjoni ta' prodotti organiċi minn pajjiżi terzi (ĠU L 8, 14.1.2020, p. 18).

- (12) Il-Kummissjoni rċeviet u eżaminat talba mingħand “A CERT European Organization for Certification S.A.” sabiex jiġu emendati l-ispeċifikazzjonijiet tagħha. Abbażi tal-informazzjoni li rċeviet, huwa ġġustifikat li l-kamp ta’ applikazzjoni tar-rikonoxximent tagħha jiġi estiż għall-pajjiżi terzi kollha li bħalissa huma elenkti fil-punt 3 tal-entrata tagħha fl-Annex IV tar-Regolament (KE) Nru 1235/2008, għall-kategoriji tal-prodotti B, C, u E.
- (13) Il-Kummissjoni rċeviet u eżaminat talba mingħand “AfriCert Limited” biex jiġu emendati l-ispeċifikazzjonijiet tiegħu. Abbażi tal-informazzjoni li rċeviet, huwa ġġustifikat li l-kamp ta’ applikazzjoni tar-rikonoxximent tiegħu jiġi estiż għall-Kosta tal-Avorju, l-Eġittu, l-Etjopja u l-Afrika t’Isfel għall-kategoriji tal-prodotti A, B u D, u li l-kamp ta’ applikazzjoni tar-rikonoxximent tiegħu jiġi estiż għall-Burundi, ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo, il-Għana, il-Kenja, ir-Rwanda, it-Tanzanija u l-Uganda għall-kategorija tal-prodotti D.
- (14) Il-Kummissjoni rċeviet u eżaminat talba mingħand “Albinspekt” biex jibdel ismu. Abbażi tal-informazzjoni li rċeviet, il-Kummissjoni kkonkludiet li huwa ġġustifikat li l-isem ta’ dak il-korp ta’ kontroll jinbidel għal “Albinspekt bio. inspecta”. Barra minn hekk, il-Kummissjoni għet infurmata li nbidlu xi dettalji fl-indirizz ta’ dak il-korp ta’ kontroll.
- (15) “Australian Certified Organic” innotifika lill-Kummissjoni dwar il-bidla fl-indirizz tiegħu.
- (16) Il-Kummissjoni rċeviet u eżaminat talba mingħand “BaŞak Ekolojik Ürünler Kontrol ve Sertifikasiyon Hizmetleri Tic. Ltd” biex jiġu emendati l-ispeċifikazzjonijiet tiegħu. Abbażi tal-informazzjoni li ġiet riċevuta, huwa ġġustifikat li l-kamp ta’ applikazzjoni tar-rikonoxximent tagħha jiġi estiż għall-Emirati Għarab Magħquda għall-kategoriji tal-prodotti A u D.
- (17) Il-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta’ Fuq, min-naħħa l-oħra, li ġie konkluż bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/689 (”), jistabbilixxi rikonoxximent reċiproku ta’ ekwivalenza tal-leġiżlazzjoni organika attwali u tas-sistema ta’ kontroll taż-żewġ partijiet għal dak il-ftehim. B’konsegwenza ta’ dan, ir-rikonoxximent tal-korpi ta’ kontroll “Biodynamic Association Certification”, “Organic Farmers & Growers C. I.C”, “Organic Farmers & Growers (Scotland) Ltd”, “Organic Food Federation”, “Quality Welsh Food Certification Ltd” u “Soil Association Certification Limited”, għall-fini ta’ importazzjoni ta’ prodotti organiċi mir-Renju Unit mogħti bir-Regolament ta’ Implimentazzjoni (UE) 2020/2196 jenħtieġ li jiġi rtirat.
- (18) Il-Kummissjoni rċeviet u eżaminat talba mingħand “Bio.inspecta AG” biex jiġu emendati l-ispeċifikazzjonijiet tiegħu. Abbażi tal-informazzjoni li ġiet riċevuta, huwa ġġustifikat li l-kamp ta’ applikazzjoni tar-rikonoxximent tiegħu jiġi estiż għall-Fgħid-Emirati Għarab Magħquda għall-kategoriji tal-prodotti A, B, D, E u F, u għat-Tajlandja għall-kategoriji tal-prodotti A, B, D u E, u li l-kamp ta’ applikazzjoni tar-rikonoxximent tiegħu jiġi estiż għall-Benin għall-kategorija tal-prodotti D u għat-Turkija għall-kategorija tal-prodotti B.
- (19) Il-Kummissjoni rċeviet u eżaminat talba mingħand “Bureau Veritas Certification France SAS” biex jemenda l-ispeċifikazzjonijiet tiegħu. Abbażi tal-informazzjoni li rċeviet, huwa ġġustifikat li jiġi rtirat ir-rikonoxximent tiegħu għall-kategorija tal-prodotti A għall-Madagascar u li jiġi rtirat ir-rikonoxximent tiegħu għal Mauritius, Monaco, il-Marokk u n-Nikaragħwa.
- (20) Il-Kummissjoni rċeviet u eżaminat talba mingħand “CCPB srl” biex jiġu emendati l-ispeċifikazzjonijiet tiegħu. Abbażi tal-informazzjoni li rċeviet, huwa ġġustifikat li l-kamp ta’ applikazzjoni tar-rikonoxximent tiegħu jiġi estiż għal-Libja għall-kategoriji tal-prodotti A, B u D, u li l-kamp ta’ applikazzjoni tar-rikonoxximent tiegħu jiġi estiż għall-Vjetnam għall-kategoriji tal-prodotti A, B, C u E.
- (21) Il-Kummissjoni rċeviet u eżaminat talba mingħand “CERES Certification of Environmental Standards GmbH” biex jiġu emendati l-ispeċifikazzjonijiet tiegħu. Abbażi tal-informazzjoni li rċeviet, huwa ġġustifikat li l-kamp ta’ applikazzjoni tar-rikonoxximent tiegħu jiġi estiż għall-Angola, il-Guinea Bissau, il-Ġordan, l-Oman, it-Trinidad u Tobago għall-kategoriji tal-prodotti A, B u D, u lill-Afganistan u s-Sri Lanka għall-kategoriji tal-prodotti A u D, u li l-kamp ta’ applikazzjoni tar-rikonoxximent tiegħu jiġi estiż għall-Iran għall-kategorija tal-prodotti B, għall-Kolombja u l-Perù għall-kategorija tal-prodotti C u F.
- ( ) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/689 tad-29 ta’ April 2021 dwar il-konklużjoni, f’isem l-Unjoni, tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta’ Fuq, min-naħħa l-oħra, u tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta’ Fuq dwar il-proċeduri ta’ sigurta għall-iskambju u għall-protezzjoni ta’ informazzjoni klassifikata (ĠU L 149, 30.4.2021, p. 2).

- (22) Il-Kummissjoni rċeviet u eżaminat talba mingħand “Certificadora Biotropico S.A” biex jemenda l-istatus legali tiegħu. Abbażi tal-informazzjoni li rċeviet, il-Kummissjoni kkonkludiet li huwa ġġustifikat li l-isem ta’ dak il-korp ta’ kontroll jiġi sostitwit għal “Certificadora Biotropico SAS”.
- (23) “Certisys” innotifika lill-Kummissjoni dwar il-bidla fl-indirizz tiegħu.
- (24) Il-Kummissjoni rċeviet u eżaminat talba mingħand “Control Union Certifications” biex jiġu emendati l-ispeċifikazzjonijiet tiegħu. Abbażi tal-informazzjoni li rċeviet, huwa ġġustifikat li l-kamp ta’ applikazzjoni tar-rikonoxximent tiegħu jiġi estiż għal Samoa, l-Arabja Sawdija, il-Gżejjjer Solomon u Vanuatu għall-kategoriji tal-prodotti A, D u F, għall-Arġentina għall-kategoriji tal-prodotti C u D, u li jiġi estiż il-kamp ta’ applikazzjoni tar-rikonoxximent tiegħu għall-Bangladesh għall-kategorija tal-prodotti A, għal Kuba u n-Namibja għall-kategorija tal-prodotti B, għall-Qatar għall-kategoriji tal-prodotti B u E, għal El Salvador, il-Gwatemala, il-Kenja u n-Nikaragwa għall-kategorija tal-prodotti C, għall-Costa Rica għall-kategorija tal-prodotti D u għall-Bożnija-Herzegovina u ċ-Ċili għall-kategorija tal-prodotti E.
- (25) Il-Kummissjoni rċeviet u eżaminat talba mingħand “CTR Uluslararası Belgelendirme ve Denetim Ltd. Şti.” biex jiġi inkluż fil-lista tal-awtoritajiet ta’ kontroll u tal-korpi ta’ kontroll rikonoxxuti għall-fini tal-ekwivalenza skont ir-Regolament (KE) Nru 834/2007. Abbażi tal-informazzjoni li rċeviet, huwa ġġustifikat li dak il-korp ta’ kontroll għat-Turkija jiġi rikonoxxut għall-kategoriji tal-prodotti A u D.
- (26) Il-Kummissjoni rċeviet u eżaminat talba mingħand “Ecocert SA” biex jiġu emendati l-ispeċifikazzjonijiet tiegħu. Abbażi tal-informazzjoni li rċeviet, huwa ġġustifikat li l-kamp ta’ applikazzjoni tar-rikonoxximent tiegħu jiġi estiż għall-Bahrain għall-kategoriji tal-prodotti A u B, għall-Bhutan u l-Gabon għall-kategoriji tal-prodotti A u D, għall-Maldivi għall-kategorija tal-prodotti D, għall-Qatar għall-kategoriji tal-prodotti A, B u D u għal Saint Barthélemy għall-kategoriji tal-prodotti A, B, D u E. Huwa ġġustifikat ukoll li l-kamp ta’ applikazzjoni tar-rikonoxximent tiegħu jiġi estiż għall-Armenja, il-Kamerun, il-Lesoto, il-Mauritius, il-Mozambique, in-Namibja, it-Territorju Palestinenjan Okkupat, ir-Rwanda, l-Uganda u ż-Żambja għall-kategorija tal-prodotti F, għall-Bangladesh, l-Indja, l-Arabja Sawdija, is-Sri Lanka, u t-Togo għall-kategorija tal-prodotti B, għall-Botswana, l-Eswatini, l-Etjopja, il-Malawi u t-Tanzanija għall-kategoriji tal-prodotti E u F, għall-Eġittu u l-Kuwait għall-kategorija tal-prodotti E, għall-Ġordan, l-Oman u l-Pakistan għall-kategoriji tal-prodotti B u E, u għan-Niġerja għall-kategoriji tal-prodotti B, E u F. Barra minn hekk, abbażi tal-kjarifika li rċeviet mingħand “Ecocert sa”, huwa meħtieġ li jiġi rtirat ir-rikonoxximent tiegħu għall-kategorija tal-prodotti C fir-rigward tal-Bangladesh.
- (27) Il-Kummissjoni rċeviet u eżaminat talba mingħand “Ecoglobe” biex jiġu emendati l-ispeċifikazzjonijiet tiegħu. Abbażi tal-informazzjoni li rċeviet, huwa ġġustifikat li l-kamp ta’ applikazzjoni tar-rikonoxximent tiegħu jiġi estiż għall-Eġittu u għall-Emirati Għarab Magħquda għall-kategoriji tal-prodotti A, B u D.
- (28) Il-Kummissjoni ġiet infurmata minn “Ecogruppo Italia” bil-bidla fl-indirizz tiegħu.
- (29) Il-Kummissjoni rċeviet u eżaminat talba mingħand “EGYCERT Ltd” biex jiġi inkluż fil-lista tal-awtoritajiet ta’ kontroll u tal-korpi ta’ kontroll rikonoxxuti għall-fini ta’ ekwivalenza skont ir-Regolament (KE) Nru 834/2007. Abbażi tal-informazzjoni li rċeviet, huwa ġġustifikat li dan il-korp ta’ kontroll jiġi rikonoxxut għaċ-Ċina, l-Eġittu, il-Ghana, il-Kuwait, il-Pakistan, l-Arabja Sawdija, is-Sudan, it-Turkija u l-Emirati Għarab Magħquda għall-kategoriji tal-prodotti A u D.
- (30) Il-Kummissjoni rċeviet u eżaminat talba mingħand “EKO-CONTROL SK s.r.o.” biex jiġi inkluż fil-lista tal-awtoritajiet ta’ kontroll u tal-korpi ta’ kontroll rikonoxxuti għall-fini ta’ ekwivalenza skont ir-Regolament (KE) Nru 834/2007. Abbażi tal-informazzjoni li rċeviet, huwa ġġustifikat li dan il-korp ta’ kontroll jiġi rikonoxxut għall-Moldova, is-Serbja u r-Russja għall-kategorija tal-prodotti A.
- (31) Il-Kummissjoni rċeviet u eżaminat talba mingħand “Food Safety SA” biex jiġi inkluż fil-lista tal-awtoritajiet ta’ kontroll u tal-korpi ta’ kontroll rikonoxxuti għall-fini ta’ ekwivalenza skont ir-Regolament (KE) Nru 834/2007. Abbażi tal-informazzjoni li rċeviet, huwa ġġustifikat li dan il-korp ta’ kontroll jiġi rikonoxxut għall-Paragwaj u l-Urugwaj għall-kategoriji tal-prodotti A, B u D, kif ukoll għall-Arġentina għall-kategorija tal-prodotti D.
- (32) Il-Kummissjoni rċeviet u eżaminat talba mingħand “IBD Certificações Ltda.” biex jiġu emendati l-ispeċifikazzjonijiet tiegħu. Abbażi tal-informazzjoni li rċeviet, huwa ġġustifikat li l-kamp ta’ applikazzjoni tar-rikonoxximent tiegħu jiġi estiż għaċ-Ċina għall-kategorija tal-prodotti B.

- (33) Il-Kummissjoni rċeviet u eżaminat talba mingħand “Kiwa BCS Öko-Garantie GmbH” biex jiġu emendati l-ispeċifikazzjonijiet tiegħu. Abbażi tal-informazzjoni li rċeviet, huwa ġġustifikat li l-kamp ta’ applikazzjoni tar-rikonoxximent tiegħu jiġi estiż għall-Ġamajka u Trinidad u Tobago għall-kategoriji tal-prodotti A, D u F, u li l-kamp ta’ applikazzjoni tar-rikonoxximent tiegħu jiġi estiż għall-Costa Rica għall-kategorija tal-prodotti B u għan-Nikaragwa, il-Panama, il-Perù u l-Venezuela għall-kategorija tal-prodotti C.
- (34) Il-Kummissjoni rċeviet u eżaminat talba mingħand “LACON GmbH” biex jiġu emendati l-ispeċifikazzjonijiet tiegħu. Abbażi tal-informazzjoni li rċeviet, huwa ġġustifikat li r-rikonoxximent tiegu jiġi rtirat għall-Brażil, Kuba, ir-Repubblika Dominicana u l-Messiku, filwaqt li huwa ġġustifikat li il-kamp ta’ applikazzjoni tar-rikonoxximent tiegħu jiġi estiż għall-Iran għall-kategorija tal-prodotti A, B u D.
- (35) Il-Kummissjoni rċeviet u eżaminat talba mingħand “Mayacert” biex jiġu emendati l-ispeċifikazzjonijiet tiegħu. Abbażi tal-informazzjoni li rċeviet, huwa ġġustifikat li l-kamp ta’ applikazzjoni tar-rikonoxximent tiegħu jiġi estiż għall-Ekwador, l-Iran u t-Turkija għall-kategorija tal-prodotti A u D kif ukoll għall-Indja għall-kategorija D.
- (36) Il-Kummissjoni rċeviet u eżaminat talba mingħand “NASAA Certified Organic Pty Ltd” biex jiġu emendati l-ispeċifikazzjonijiet tiegħu. Abbażi tal-informazzjoni li rċeviet, il-Kummissjoni kkonkludiet li huwa ġġustifikat li l-kamp ta’ applikazzjoni tar-rikonoxximent tiegħu jiġi estiż għall-Bangladesh, il-Bhutan, il-Brunei, il-Kambodja, Fiġi, il-Polineżja Franċiża, Hong Kong, Kiribati, il-Laos, il-Gżejjjer Marshall, il-Mikroneżja, il-Myanmar/Burma, Nauru, New Caledonia, Palau, il-Filippini, it-Tajlandja, Tuvalu, Vanuatu, il-Vjetnam, u Wallis u Futuna għall-kategoriji tal-prodotti A, B u D, kif ukoll għall-Indja għall-kategoriji tal-prodotti B u D.
- (37) “Oregon Tilth” innotifika lill-Kummissjoni dwar il-bidla fl-indirizz tiegħu.
- (38) Il-Kummissjoni rċeviet u eżaminat talba mingħand “Organic Control System” biex jiġu emendati l-ispeċifikazzjonijiet tiegħu. Abbażi tal-informazzjoni li rċeviet, huwa ġġustifikat li l-kamp ta’ applikazzjoni tar-rikonoxximent tiegħu jiġi estiż għall-Montenegro u l-Maċedonja ta’ fuq għall-kategorija tal-prodotti B, u għall-Bożnija-Herzegovina u s-Serbia għall-kategoriji tal-prodotti B u E.
- (39) Il-Kummissjoni rċeviet u eżaminat talba mingħand “Organic Standard” biex jiġu emendati l-ispeċifikazzjonijiet tiegħu. Abbażi tal-informazzjoni li rċeviet, huwa ġġustifikat li l-kamp ta’ applikazzjoni tar-rikonoxximent tiegħu jiġi estiż għall-Georgia u l-Moldova għall-kategoriji tal-prodotti C, E u F, u għall-Każakstan għall-kategoriji tal-prodotti C u F.
- (40) Il-Kummissjoni rċeviet u eżaminat talba mingħand “Organización Internacional Agropecuaria” biex jiġu emendati l-ispeċifikazzjonijiet tagħha. Abbażi tal-informazzjoni li rċeviet, huwa ġġustifikat li l-kamp ta’ applikazzjoni tar-rikonoxximent tagħha jiġi estiż għa-Ċina għall-kategoriji tal-prodotti A u D.
- (41) Il-Kummissjoni rċeviet u eżaminat talba mingħand “Organska Kontrola” biex jiġu emendati l-ispeċifikazzjonijiet tagħha. Abbażi tal-informazzjoni li rċeviet, huwa ġġustifikat li l-kamp ta’ applikazzjoni tar-rikonoxximent tagħha jiġi estiż għall-Azerbajġan għall-kategoriji tal-prodotti A, B u D.
- (42) Il-Kummissjoni rċeviet u eżaminat talba mingħand “ORSER” biex jiġu emendati l-ispeċifikazzjonijiet tagħha. Abbażi tal-informazzjoni li rċeviet, huwa ġġustifikat li l-kamp ta’ applikazzjoni tar-rikonoxximent tagħha jiġi estiż għall-Moldova, ir-Russja, is-Serbja, l-Ukrainja u l-Uzbekistan għall-kategoriji tal-prodotti A, D u E.
- (43) “SIA ‘Sertifikācijas un testēšanas centrs” infurmat lill-Kummissjoni li nbidel l-indirizz tagħha.
- (44) Il-Kummissjoni rċeviet u eżaminat talba mingħand “Lacon GmbH” biex jiġu emendati l-ispeċifikazzjonijiet tiegħu. Abbażi tal-informazzjoni li rċeviet, huwa ġġustifikat li l-kamp ta’ applikazzjoni tar-rikonoxximent tiegħu jiġi estiż għall-Burkina Faso, il-Kongo, il-Kosta tal-Avorju, il-Ghana, is-Senegal, Singapore, u t-Togo għall-kategoriji tal-prodotti A, D u E, kif ukoll għall-Armenja, il-Kambodja, il-Kamerun, ir-Repubblika Ċentru-Afrikana, iċ-Ċhad, Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo, il-Guinea Ekwatorjali, il-Gabon, l-Indoneżja, il-Kenja, Laos, il-Malasja, il-Myanmar/Burma, in-Niġer, il-Pakistan, il-Filippini, ir-Rwanda, is-Sri Lanka, it-Tajlandja u l-Vjetnam għall-kategoriji tal-prodotti A u D.
- (45) Il-Kummissjoni rċeviet u eżaminat talba mingħand “The First Agricultural Co., for Registration, Inspection and Certification Limited Liability (TAWTHIQ)” biex jiġi inkluż fil-lista tal-awtoritajiet ta’ kontroll u tal-korpi ta’ kontroll rikonoxxuti għall-fini ta’ ekwivalenza skont ir-Regolament (KE) Nru 834/2007. Abbażi tal-informazzjoni li rċeviet, huwa ġġustifikat li dan il-korp ta’ kontroll jiġi rikonoxxut għall-Eğġittu, l-Arabja Sawdija u l-Uzbekistan għall-kategoriji tal-prodotti A u D.

- (46) Il-Kummissjoni rċeviet u eżaminat talba mingħand “TÜV Nord Integra” biex jiġu emendati l-ispeċifikazzjonijiet tiegħu. Abbażi tal-informazzjoni li rċeviet, huwa ġġustifikat li l-kamp ta’ applikazzjoni tar-rikonoxximent tiegħu jiġi estiż għall-Għambja għall-kategoriji tal-prodotti A u D.
- (47) Fl-interess taċ-ċarezza u taċ-ċertezza legali, jenħtieġ li dan ir-Regolament japplika mid-data tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2018/848. F'konformità mal-Artikolu 48(1) tar-Regolament (UE) 2018/848, ir-rikonoxximent ta’ pajjiżi terzi għall-fini ta’ ekwivalenza skont l-Artikolu 33(2) tar-Regolament (KE) Nru 834/2007 għandu jiskadi fil-31 ta’ Diċembru 2026. F'konformità mal-Artikolu 57(1) tar-Regolament (UE) 2018/848, ir-rikonoxximent tal-awtoritajiet ta’ kontroll u tal-korpi ta’ kontroll mogħti skont l-Artikolu 33(3) tar-Regolament (KE) Nru 834/2007 għandu jiskadi sa mhux aktar tard mill-31 ta’ Diċembru 2024.
- (48) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat għall-Produzzjoni Organika,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

### *Artikolu 1*

#### ***Lista ta’ pajjiżi terzi rikonoxxuti***

Il-lista ta’ pajjiżi terzi rikonoxxuti għall-fini ta’ ekwivalenza skont l-Artikolu 33(2) tar-Regolament (KE) Nru 834/2007 hija stabbilita fl-Anness I ta’ dan ir-Regolament.

### *Artikolu 2*

#### ***Lista ta’ awtoritajiet ta’ kontroll u ta’ korpi ta’ kontroll rikonoxxuti***

Il-lista tal-awtoritajiet ta’ kontroll u tal-korpi ta’ kontroll rikonoxxuti għall-fini ta’ ekwivalenza skont l-Artikolu 33(3) tar-Regolament (KE) Nru 834/2007 hija stabbilita fl-Anness II ta’ dan ir-Regolament.

### *Artikolu 3*

#### ***Dħul fis-seħħ u applikazzjoni***

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f’*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta’ Jannar 2022.

L-Artikolu 1 għandu japplika sal-31 ta’ Diċembru 2026.

L-Artiklu 2 għandu japplika sal-31 ta’ Diċembru 2024.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta’ Diċembru 2021.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

Ursula VON DER LEYEN

## ANNESS I

**LISTA TA' PAJJIŻI TERZI RIKONOXXUTI MSEMMIJA FL-ARTIKOLU 1 U L-ISPEČIFIKAZZJONIJET RILEVANTI**

**Nota:** Skont l-Artikolu 17(1), il-punt (f), tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007, l-annimali u l-prodotti tal-annimali prodotti matul il-perjodu ta' konverżjoni ma għandhomx ikunu kkummerċjalizzati fl-Unjoni bl-indikazzjonijiet imsemmija fl-Artikoli 23 u 24 ta' dak ir-Regolament użati fit-tikkettar u r-reklamar tal-prodotti. Għalhekk dawn il-prodotti huma eskuži wkoll mir-rikonoxximent fir-rigward ta-kategoriji tal-prodotti B u D għall-pajjiżi terzi kollha elenkti f'dan l-Anness.

**L-ARGENTINA****1. Kategoriji ta' prodotti**

Kategorija tal-prodotti	Deżejnjazzjoni tal-kategorija skont l-Anness II	Limitazzjonijiet
Prodotti tal-pjanti mhux ipproċessati	A	
Annimali ħajjin jew prodotti tal-annimali mhux ipproċessati	B	
Prodotti agrikoli pproċessati biex jintużaw bħala ikel (l)	D	
Materjal tal-propagazzjoni veġetattiva u żrieragħ għall-kultivazzjoni	F	

(l) L-inbid u l-ħmira mhumiex inklużi.

**2. Oriġini:** prodotti tal-kategoriji A, B u F li tkabbru fl-Arġentina u prodotti tal-kategorija D ipproċessati fl-Arġentina b'ingredjenti li tkabbru b'mod organiku fl-Arġentina.

**3. Standard tal-produzzjoni:** Ley 25 127 sobre "Producción ecológica, biológica y orgánica".

**4. Awtorità kompetenti:** Servicio Nacional de Sanidad y Calidad Agroalimentaria SENASA, [www.senasa.gov.ar](http://www.senasa.gov.ar)

**5. Korpi ta' kontroll**

Numru tal-Kodiċi	Isem	Indirizz tal-Internet
AR-BIO-001	Food Safety SA	<a href="http://www.foodsafety.com.ar">www.foodsafety.com.ar</a>
AR-BIO-002	Ecocert Arġentina SA	<a href="https://www.ecocert.com/es-AR/home">https://www.ecocert.com/es-AR/home</a>
AR-BIO-003	LETIS S.A.	<a href="http://www.letis.org">www.letis.org</a>
AR-BIO-004	Organización Internacional Agropecuaria (OIA)	<a href="http://www.oia.com.ar">www.oia.com.ar</a>

**6. Korpi għall-ħruġ taċ-ċertifikati:** bħal fil-punt 5.

**7. Tul ta' żmien tal-inklużjoni:** il-31 ta' Diċembru 2026.

## L-AWSTRALJA

### 1. Kategoriji ta' prodotti

Kategorija tal-prodotti	Deżejnjazzjoni tal-kategorija skont l-Anness II	Limitazzjonijiet
Prodotti tal-pjanti mhux iproċessati	A	
Prodotti agrikoli pproċessati biex jintużaw bħala ikel (¹)	D	Komposti essenzjalment minn ingredjent wieħed jew aktar li joriġinaw mill-pjanti
Materjal tal-propagazzjoni veġetattiva u żrieragħ għall-kultivazzjoni	F	

(¹) L-inbid u l-ħmira mhumiex inklużi.

2. **Orīgini:** prodotti tal-kategoriji A u F li tkabbru fl-Awstralja u prodotti tal-kategorija D iproċessati fl-Awstralja b'ingredjenti li tkabbru b'mod organiku fl-Awstralja.

3. **Standard tal-produzzjoni:** Standard nazzjonali għal prodotti organiċi u bijodinamiċi.

4. **Awtorità kompetenti:** Department of Agriculture and Water Resources (<http://www.agriculture.gov.au>)

### 5. Korpi ta' kontroll:

Numru tal-Kodiċi	Isem	Indirizz tal-Internet
AU-BIO-001	ACO Certification Ltd	<a href="http://www.aco.net.au">www.aco.net.au</a>
AU-BIO-003	Bio-dynamic Research Institute (BDRI)	<a href="http://www.demeter.org.au">www.demeter.org.au</a>
AU-BIO-004	NASAA Certified Organic	<a href="http://www.nasaa.com.au">www.nasaa.com.au</a>
AU-BIO-005	Organic Food Chain Pty Ltd (OFC)	<a href="http://www.organicfoodchain.com.au">www.organicfoodchain.com.au</a>
AU-BIO-006	AUS-QUAL Pty Ltd	<a href="http://www.ausqual.com.au">www.ausqual.com.au</a>
AU-BIO-007	Southern Cross Certified Australia Pty Ltd	<a href="https://www.sxcertified.com.au">https://www.sxcertified.com.au</a>

6. **Korpi għall-ħruġ taċ-ċertifikati:** bħal fil-punt 5.

7. **Tul ta' żmien tal-inklużjoni:** il-31 ta' Diċembru 2026.

## IL-KANADA

### 1. Kategoriji ta' prodotti

Kategorija tal-prodotti	Deżinjazzjoni tal-kategorija skont l-Anness II	Limitazzjonijiet
Prodotti tal-pjanti mhux ipproċessati	A	
Annimali ħajjin jew prodotti tal-an nimali mhux ipproċessati	B	
Prodotti agrikoli pproċessati biex jintużaw bħala ikel	D	
Prodotti agrikoli pproċessati biex jintużaw bħala għalf	E	
Materjal tal-propagazzjoni veġetattiva u żrieragħ għall-kultivazzjoni	F	

2. **Orīgini:** prodotti tal-kategoriji A, B u F li tkabbru fil-Kanada u prodotti tal-kategoriji D u E pproċessati fil-Kanada b'ingredjenti li tkabbru b'mod organiku fil-Kanada jew li ġew importati fil-Kanada f'konformità mal-leġiżlazzjoni Kanadiża.

3. **Standard tal-produzzjoni:** Regolament dwar il-Prodotti Organiċi.

4. **Awtorità kompetenti:** Canadian Food Inspection Agency (CFIA), [www.inspection.gc.ca](http://www.inspection.gc.ca)

### 5. Korpi ta' kontroll

Numru tal-Kodiċi	Isem	Indirizz tal-Internet
CA-ORG-002	British Columbia Association for Regenerative Agriculture (BCARA)	<a href="http://www.certifiedorganic.bc.ca">www.certifiedorganic.bc.ca</a>
CA-ORG-003	CCOF Certification Services	<a href="http://www.ccof.org">www.ccof.org</a>
CA-ORG-004	Centre for Systems Integration (CSI)	<a href="http://www.csi-ics.com">www.csi-ics.com</a>
CA-ORG-005	Consorzio per il Controllo dei Prodotti Biologici Società a responsabilità limitata (CCPB SRL)	<a href="http://www ccpb.it">www ccpb.it</a>
CA-ORG-006	Ecocert Canada	<a href="http://www.ecocertcanada.com">www.ecocertcanada.com</a>
CA-ORG-007	Fraser Valley Organic Producers Association (FVOPA)	<a href="http://www.fvopa.ca">www.fvopa.ca</a>
CA-ORG-009	International Certification Services Incorporated (ICS)	<a href="http://www.ics-intl.com">www.ics-intl.com</a>
CA-ORG-010	LETIS S.A.	<a href="http://www.letis.com.ar">www.letis.com.ar</a>
CA-ORG-013	Organic Crop Improvement Association (OCIA)	<a href="http://www.ocia.org">www.ocia.org</a>

CA-ORG-014	Organic Producers Association of Manitoba Cooperative Incorporated (OPAM)	<a href="http://www.opam-mb.com">www.opam-mb.com</a>
CA-ORG-015	Pacific Agricultural Certification Society (PACS)	<a href="http://www.pacscertifiedorganic.ca">www.pacscertifiedorganic.ca</a>
CA-ORG-016	Pro-Cert Organic Systems Ltd (Pro-Cert)	<a href="http://www.ocpro.ca">www.ocpro.ca</a>
CA-ORG-017	Quality Assurance International Incorporated (QAI)	<a href="http://www.qai-inc.com">http://www.qai-inc.com</a>
CA-ORG-018	Quality Certification Services (QCS)	<a href="http://www.qcsinfo.org">www.qcsinfo.org</a>
CA-ORG-019	Organisme de Certification Québec Vrai (OCQV)	<a href="http://www.quebecvrai.org/">http://www.quebecvrai.org/</a>
CA-ORG-021	TransCanada Organic Certification Services (TCO Cert)	<a href="http://www.tcocert.ca/contacts/">http://www.tcocert.ca/contacts/</a>

6. **Korpi għall-ħruġ taċ-ċertifikati:** bħal fil-punt 5.

7. **Tul ta' żmien tal-inklużjoni:** il-31 ta' Diċembru 2026.

## Il-COSTA RICA

### 1. Kategoriji ta' prodotti

Kategorija tal-prodotti jew prodotti	Deżejnjazzjoni tal-kategorija skont l-Anness II	Limitazzjonijiet
Prodotti tal-pjanti mhux iproċessati	A	
Prodotti agrikoli pproċessati biex jintużaw bħala ikel (¹)	D	Prodotti tal-pjanti pproċessati biss
Materjal tal-propagazzjoni veġetattiva u żrieragħ għall-kultivazzjoni	F	

(¹) L-inbid u l-ħmira mhumiex inklużi.

2. **Oriġini:** prodotti tal-kategoriji A u F li tkabbru fil-Costa Rica u prodotti tal-kategorija D iproċessati fil-Costa Rica b'ingredjenti li tkabbru b'mod organiku fil-Costa Rica.

3. **Standard tal-produzzjoni:** Reglamento sobre la agricultura orgánica.

4. **Awtorità kompetenti:** Servicio Fitosanitario del Estado, Ministerio de Agricultura y Ganadería, [www.sfe.go.cr](http://www.sfe.go.cr)

**5. Korpi ta' kontroll:**

Numru tal-Kodiċi	Isem	Indirizz tal-Internet
CR-BIO-002	Kiwa BCS Costa Rica Limitada	<a href="http://www.kiwa.lat">www.kiwa.lat</a>
CR-BIO-003	Eco-LOGICA	<a href="http://www.eco-logica.com">www.eco-logica.com</a>
CR-BIO-007	Primus Auditing Operations de Costa Rica S.A.	<a href="http://www.primusauditingops.com">www.primusauditingops.com</a>

**6. Korpi għall-ħruġ taċ-ċertifikati:** bħal fil-punt 5.

**7. Tul ta' żmien tal-inklużjoni:** il-31 ta' Diċembru 2026.

## IŻRAEL

**1. Kategoriji ta' prodotti**

Kategorija tal-prodotti jew prodotti	Deżejnjazzjoni tal-kategorija skont l-Anness II	Limitazzjonijiet
Prodotti tal-pjanti mhux ipproċessati	A	
Prodotti agrikoli pproċessati biex jintużaw bħala ikel (l-)	D	Komposti essenzjalment minn ingredjent wieħed jew aktar li joriġinaw mill-pjanti
Materjal tal-propagazzjoni veġetattiva u żrieragħ għall-kultivazzjoni	F	

(l-) L-inbid u l-ħmira mhumiex inklużi.

**2. Oriġini:** prodotti tal-kategoriji A u F li tkabbru f'Iżrael u prodotti tal-kategorija D ipproċessati f'Iżrael b'ingredjenti li tkabbru b'mod organiku f'Iżrael jew li ġew importati f'Iżrael:

- jew mill-Unjoni,
- jew minn pajiż terz fil-qafas ta' skema li hija rrikonoxxuta bħala skema ekwivalenti f'konformità mal-Artikolu 33(2) tar-Regolament (KE) Nru 834/2007.

**3. Standard tal-produzzjoni:** Law for the Regulation of Organic Produce, 5765-2005, and its relevant Regulations.

**4. Awtorità kompetenti:** Plant Protection and Inspection Services (PPIS), [www.ppis.moag.gov.il](http://www.ppis.moag.gov.il)

**5. Korpi ta' kontroll**

Numru tal-Kodiċi	Isem	Indirizz tal-Internet
IL-ORG-001	Sechal Israel Inspection and certification	<a href="http://www.skal.co.il">www.skal.co.il</a>
IL-ORG-002	Agrior Ltd-Organic Inspection & Certification	<a href="http://www.agrior.co.il">www.agrior.co.il</a>

IL-ORG-003	IQC Institute of Quality & Control	<a href="http://www.iqc.co.il">www.iqc.co.il</a>
IL-ORG-004	Plant Protection and Inspection Services (PPIS)	<a href="http://www.ppis.moag.gov.il">www.ppis.moag.gov.il</a>

6. **Korpi għall-ħruġ taċ-ċertifikati:** bħal fil-punt 5.

7. **Tul ta' żmien tal-inklużjoni:** il-31 ta' Diċembru 2026.

#### L-INDJA

##### 1. Kategoriji ta' prodotti

Kategorija tal-prodotti jew prodotti	Deżejnjazzjoni tal-kategorija skont l-Anness II	Limitazzjonijiet
Prodotti tal-pjanti mhux ipproċessati	A	
Materjal tal-propagazzjoni veġetattiva u żrieragħ għall-kultivazzjoni	F	

2. **Orīġini:** prodotti tal-kategoriji A u F li tkabbru fl-Indja.

3. **Standard tal-produzzjoni:** National Programme for Organic Production.

4. **Awtorità kompetenti:** Agricultural and Processed Food Products Export Development Authority APEDA, <http://www.apeda.gov.in/apedawebsite/index.asp>

##### 5. Korpi ta' kontroll

Numru tal-Kodiċi	Isem	Indirizz tal-Internet
IN-ORG-001	Aditi Organic Certifications Pvt. Ltd	<a href="http://www.aditicert.net">www.aditicert.net</a>
IN-ORG-002	APOF Organic Certification Agency (AOCA)	<a href="http://www.aoca.in">www.aoca.in</a>
IN-ORG-003	Bureau Veritas (India) Pvt. Limited	<a href="http://www.bureauveritas.co.in">www.bureauveritas.co.in</a>
IN-ORG-006	TQ Cert Services Private Limited	<a href="http://www.tqcert.in">www.tqcert.in</a>
IN-ORG-007	IMO Control Pvt. Ltd	<a href="http://www.imocontrol.in">www.imocontrol.in</a>
IN-ORG-011	Natural Organic Certification Agro Pvt. Ltd	<a href="http://www.nocaagro.com">www.nocaagro.com</a>
IN-ORG-013	SGS India Pvt. Ltd	<a href="http://www.sgsgroup.in">www.sgsgroup.in</a>
IN-ORG-014	Uttarakhand State Organic Certification Agency (USOCA)	<a href="http://www.usoca.org">www.usoca.org</a>
IN-ORG-016	Rajasthan State Organic Certification Agency (RSOCA)	<a href="http://www.agriculture.rajasthan.gov.in/rssopca">www.agriculture.rajasthan.gov.in/rssopca</a>
IN-ORG-017	Chhattisgarh Certification Society, India (CGCERT)	<a href="http://www.cgcert.com">www.cgcert.com</a>

IN-ORG-018	Tamil Nadu Organic Certification Department (TNOCD)	<a href="http://www.tnecd.net">www.tnecd.net</a>
IN-ORG-021	Madhya Pradesh State Organic Certification Agency (MPSOCA)	<a href="http://www.mpsoca.org">www.mpsoca.org</a>
IN-ORG-023	Faircert Certification Services Pvt Ltd	<a href="http://www.faircert.com">www.faircert.com</a>
IN-ORG-024	Odisha State Organic Certification Agency (OSOCA)	<a href="http://www.osopca.org">www.osopca.org</a>
IN-ORG-025	Gujarat Organic Products Certification Agency (GOPCA)	<a href="http://www.gopca.in">www.gopca.in</a>
IN-ORG-026	Uttar Pradesh State Organic Certification Agency	<a href="http://www.upsoca.org">www.upsoca.org</a>
IN-ORG-027	Karnataka State Organic Certification Agency	<a href="http://www.kssoca.org">www.kssoca.org</a>
IN-ORG-028	Sikkim State Organic Certification Agency (SSOCA)	<a href="http://www.ssoca.in">www.ssoca.in</a>
IN-ORG-029	Global Certification Society	<a href="http://www.glocert.org">www.glocert.org</a>
IN-ORG-030	GreenCert Biosolutions Pvt. Ltd	<a href="http://www.greencertindia.in">www.greencertindia.in</a>
IN-ORG-031	Telangana State Organic Certification Authority	<a href="http://www.tsoca.telangana.gov.in">www.tsoca.telangana.gov.in</a>
IN-ORG-032	Bihar State Seed and Organic Certification Agency (BSSOCA)	<a href="http://www.bsscaco.in">www.bsscaco.in</a>
IN-ORG-033	Reliable Organic Certification Organization	<a href="https://rococert.com">https://rococert.com</a>
IN-ORG-034	Bhumaatha Organic Certification Bureau (BOCB)	<a href="http://www.agricertboeb.in">http://www.agricertboeb.in</a>

6. **Korpi għall-ħruġ taċ-ċertifikati:** bħal fil-punt 5.

7. **Tul ta' żmien tal-inklużjoni:** il-31 ta' Diċembru 2026.

## Il-ĠAPPUN

### 1. Kategoriji ta' prodotti

Kategorija tal-prodotti jew prodotti	Deżejnjazzjoni tal-kategorija skont l-Anness II	Limitazzjonijiet
Prodotti tal-pjanti mhux ipproċessati	A	
Prodotti agrikoli pproċessati biex jintużaw bħala ikel ( <sup>(1)</sup> )	D	Komposti essenzjalment minn ingredjent wieħed jew aktar li joriġinaw mill-pjanti

(<sup>1</sup>) L-inbid mhuwiex inkluż.

2. **Origioni:** prodotti tal-kategorija A li tkabbru fil-Ġappun u prodotti tal-kategorija D ipproċessati fil-Ġappun b'ingredjenti li tkabbru b'mod organiku fil-Ġappun jew li ġew importati fil-Ġappun:

- jew mill-Unjoni,
  - jew minn pajjiż terz li għalih il-Ġappun irrikonoxxa li l-prodotti ġew prodotti u kkontrollati f'dak il-pajjiż terz f'konformità mar-regoli li huma ekwivalenti għal dawk stabbiliti fil-leġiżlazzjoni Ġappuniża.
3. **Standards tal-produzzjoni:** 17 Japanese Agricultural Standard for Organic Plants (Notification No 1605 of the MAFF of October 27, 2005), Japanese Agricultural Standard for Organic Processed Foods (Notification No 1606 of MAFF of October 27, 2005).
4. **Awtoritajiet kompetenti:** Food Manufacture Affairs Division, Food Industry Affairs Bureau, Ministry of Agriculture, Forestry and Fisheries, [www.maff.go.jp/j/jas/index.html](http://www.maff.go.jp/j/jas/index.html) and Food and Agricultural Materials Inspection Center (FAMIC), [www.famic.go.jp](http://www.famic.go.jp)

## 5. Korpi ta' kontroll

Numru tal-Kodiċi	Isem	Indirizz tal-Internet
JP-BIO-001	Hyogo prefectural Organic Agriculture Society, HOAS	<a href="http://www.hoyooken.org">www.hoyooken.org</a>
JP-BIO-002	AFAS Certification Center Co., Ltd	<a href="http://www.afasseq.com">www.afasseq.com</a>
JP-BIO-003	NPO Kagoshima Organic Agriculture Association	<a href="http://www.koaa.or.jp">www.koaa.or.jp</a>
JP-BIO-004	Center of Japan Organic Farmers Group	<a href="http://www.yu-ki.or.jp">www.yu-ki.or.jp</a>
JP-BIO-005	Japan Organic & Natural Foods Association	<a href="http://jona-japan.org/english/">http://jona-japan.org/english/</a>
JP-BIO-006	Ecocert Japan Limited	<a href="http://www.ecocert.co.jp">www.ecocert.co.jp</a>
JP-BIO-007	Bureau Veritas Japan Co., Ltd	<a href="http://certification.bureauveritas.jp/business/jas/nintei_list.html">http://certification.bureauveritas.jp/certification/business/jas/nintei_list.html</a>
JP-BIO-008	OCIA Japan	<a href="http://www.ocia-jp.com">www.ocia-jp.com</a>
JP-BIO-009	Overseas Merchandise Inspection Co., Ltd	<a href="http://www.omicnet.com/omicnet/services-en/organic-certification-en.html">http://www.omicnet.com/omicnet/services-en/organic-certification-en.html</a>
JP-BIO-010	Organic Farming Promotion Association	<a href="http://yusuikyo.web.fc2.com/">http://yusuikyo.web.fc2.com/</a>
JP-BIO-011	ASAC Stands for Axis' System for Auditing and Certification and Association for Sustainable Agricultural Certification	<a href="http://www.axis-asac.net">www.axis-asac.net</a>
JP-BIO-012	Environmentally Friendly Rice Network	<a href="http://www.epfnetwork.org/okome">www.epfnetwork.org/okome</a>
JP-BIO-013	Ooita Prefecture Organic Agricultural Research Center	<a href="http://www.d-b.ne.jp/oitayuki">www.d-b.ne.jp/oitayuki</a>
JP-BIO-014	AINOU	<a href="http://www.ainou.or.jp/ainohtm/disclosure/nintei-kouhyou.htm">www.ainou.or.jp/ainohtm/disclosure/nintei-kouhyou.htm</a>
JP-BIO-015	SGS Japan Incorporation	<a href="http://www.jp.sgs.com/ja/home_jp_v2.htm">www.jp.sgs.com/ja/home_jp_v2.htm</a>

JP-BIO-016	Ehime Organic Agricultural Association	<a href="http://eoaa.sakura.ne.jp/">http://eoaa.sakura.ne.jp/</a>
JP-BIO-017	Center for Eco-design Certification Co. Ltd	<a href="http://www.eco-de.co.jp/list.html">http://www.eco-de.co.jp/list.html</a>
JP-BIO-018	Organic Certification Association	<a href="http://yuukinin.org/index.html">http://yuukinin.org/index.html</a>
JP-BIO-020	Hiroshima Environment and Health Association	<a href="https://www.kanhokyo.or.jp/">https://www.kanhokyo.or.jp/</a>
JP-BIO-021	ACCIS Inc.	<a href="https://www.accis.jp/">https://www.accis.jp/</a>
JP-BIO-022	Organic Certification Organization Co. Ltd	<a href="http://www.oco45.net">www.oco45.net</a>
JP-BIO-023	Rice Research Organic Food Institute	<a href="https://rrofi.jp/">https://rrofi.jp/</a>
JP-BIO-024	Aya town miyazaki, Japan	<a href="http://www.town.aya.miyazaki.jp/ayatown/organicfarming/index.html">http://www.town.aya.miyazaki.jp/ayatown/organicfarming/index.html</a>
JP-BIO-025	Tokushima Organic Certified Association	<a href="http://www.tokukaigi.or.jp/yuuki/">http://www.tokukaigi.or.jp/yuuki/</a>
JP-BIO-027	NPO Kumamoto Organic Agriculture Association	<a href="http://www.kumayuken.org/">http://www.kumayuken.org/</a>
JP-BIO-028	Hokkaido Organic Promoters Association	<a href="http://www.hosk.jp/CCP.html">http://www.hosk.jp/CCP.html</a>
JP-BIO-029	Association of organic agriculture certification Kochi corporation NPO	<a href="http://www8.ocn.ne.jp/~koaa/jisseki.html">http://www8.ocn.ne.jp/~koaa/jisseki.html</a>
JP-BIO-031	Wakayama Organic Certified Association	<a href="https://woca.jpn.org/w/">https://woca.jpn.org/w/</a>
JP-BIO-032	Shimane Organic Agriculture Association	<a href="http://www.shimane-yuki.or.jp/index.html">www.shimane-yuki.or.jp/index.html</a>
JP-BIO-034	International Nature Farming Research Center	<a href="http://www.infrc.or.jp/">http://www.infrc.or.jp/</a>
JP-BIO-035	Organic Certification Center	<a href="http://www.organic-cert.or.jp">www.organic-cert.or.jp</a>
JP-BIO-036	Japan Food Research Laboratories	<a href="http://www.jfrl.or.jp/jas.html">http://www.jfrl.or.jp/jas.html</a>
JP-BIO-037	Leafearth Company	<a href="http://www.leafearth.jp/">http://www.leafearth.jp/</a>
JP-BIO-038	Akatonbo	<a href="http://www.akatonbo.or.jp/">http://www.akatonbo.or.jp/</a>
JP-BIO-039	Japan Grain Inspection Association	<a href="http://www.kokken.or.jp/">http://www.kokken.or.jp/</a>
JP-BIO-040	Okayama Agriculture Development Institute	<a href="http://www.nokaiken.or.jp">http://www.nokaiken.or.jp</a>
JP-BIO-041	Japan Agricultural Standard Certification Alliance	<a href="http://jascert.or.jp/">http://jascert.or.jp/</a>

6. Korpi għall-ħruġ taċ-ċertifikati: bħal fil-punt 5.

7. Tul ta' żmien tal-inklużjoni: il-31 ta' Diċembru 2026.

## IR-REPUBBLIKA TAL-KOREA

### 1. Kategoriji ta' prodotti

Kategorija tal-prodotti jew prodotti	Deżejnjazzjoni tal-kategorija skont l-Anness II	Limitazzjonijiet
Prodotti agrikoli pproċessati biex jintużaw bħala ikel	D	

2. **Oriġini:** prodotti tal-kategorija D ipproċessati fir-Repubblika tal-Korea b'ingredjenti li tkabbru b'mod organiku fir-Repubblika tal-Korea jew li ġew importati fir-Repubblika tal-Korea:

- jew mill-Unjoni,
- jew minn pajjiż terz li għalih ir-Repubblika tal-Korea rrikonoxxiet li l-prodotti ġew prodotti u kkontrollati fdak il-pajjiż terz f'konformità mar-regoli li huma ekwivalenti għal dawk stabiliti fil-leġiżlazzjoni tar-Repubblika tal-Korea.

3. **Standards tal-produzzjoni:** Act on Promotion of Environmentally-friendly Agriculture and Fisheries and Management and Support for Organic Food.

4. **Awtorità kompetenti:** Ministry of Agriculture, Food and Rural Affairs, [www.enviagro.go.kr/portal/en/main.do](http://www.enviagro.go.kr/portal/en/main.do)

### 5. Korpi ta' kontroll

Numru tal-Kodiċi	Isem	Indirizz tal-Internet
KR-ORG-002	Doalnara Organic Certificated Korea	<a href="http://www.doalnara.or.kr">www.doalnara.or.kr</a>
KR-ORG-004	Global Organic Agriculturalist Association	<a href="http://www.goaa.co.kr">www.goaa.co.kr</a>
KR-ORG-005	OCK	<a href="http://www.greenock.co.kr/">http://www.greenock.co.kr/</a>
KR-ORG-006	KAFCC	<a href="http://eco.konuk.ac.kr">http://eco.konuk.ac.kr</a>
KR-ORG-007	Korea Environment-Friendly Organic Certification Centre	<a href="http://www.a-cert.co.kr">www.a-cert.co.kr</a>
KR-ORG-008	Konkuk Ecocert Certification Service	<a href="http://www.ecocert.co.kr">www.ecocert.co.kr</a>
KR-ORG-009	Woorinong Certification	<a href="https://blog.naver.com/woorinongin/70107436715">https://blog.naver.com/woorinongin/70107436715</a>
KR-ORG-010	ACO (Australian Certified Organic)	<a href="http://www.aco.net.au">www.aco.net.au</a>
KR-ORG-011	Kiwa BCS Öko-Garantie GmbH	<a href="http://www.bcs-eko.com">www.bcs-eko.com</a>
KR-ORG-012	BCS Korea	<a href="http://www.bcskorea.com">www.bcskorea.com</a>
KR-ORG-013	Hansol Food, Agriculture, Fisher-Forest Certification Center	<a href="http://www.hansolnonglim.com">www.hansolnonglim.com</a>
KR-ORG-014	The Centrefor Environment Friendly Agricultural Products Certification	<a href="http://www.hgreen.or.kr">www.hgreen.or.kr</a>
KR-ORG-015	ECO-Leaders Certification Co., Ltd	<a href="http://www.ecoleaders.kr">www.ecoleaders.kr</a>

KR-ORG-017	Jeonnam bioindustry foundation	<a href="http://www.jbf.kr">www.jbf.kr</a>
KR-ORG-019	Neo environmentally-friendly Certification Center	<a href="https://neoefcc.modoo.at/">https://neoefcc.modoo.at/</a>
KR-ORG-020	Green Environmentally-Friendly certification center	<a href="http://cafe.naver.com/greenorganic6279">http://cafe.naver.com/greenorganic6279</a>
KR-ORG-021	ISC Agriculture development research institute	<a href="http://www.isc-cert.com">www.isc-cert.com</a>
KR-ORG-022	Greenstar Agrifood Certification Center	<a href="http://www.그린스타.com">www.그린스타.com</a>
KR-ORG-023	Control Union Korea	<a href="http://www.controlunion.co.kr">www.controlunion.co.kr</a>
KR-ORG-024	Industry-Academic Cooperation Foundation, SCNU	<a href="http://siacf.scnu.ac.kr/web/siacf/home">http://siacf.scnu.ac.kr/web/siacf/home</a>
KR-ORG-026	Agricultural Products Quality Service	<a href="http://apqs.kr">http://apqs.kr</a>
KR-ORG-027	University Industry Liaison office of CNU	<a href="http://sanhak.jnu.ac.kr/eng/">http://sanhak.jnu.ac.kr/eng/</a>
KR-ORG-029	Eco Agriculture Institute Inc	<a href="http://blog.daum.net/ifea2011">http://blog.daum.net/ifea2011</a>
KR-ORG-030	Korea Crops Research Institute (co.ltd)	<a href="https://blog.naver.com/kor034">https://blog.naver.com/kor034</a>
KR-ORG-031	Korea organic certification	<a href="http://blog.daum.net/koafc2019">http://blog.daum.net/koafc2019</a>
